PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

PROVIŻORJU
2006/2114(INI)

18.10.2006

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija
(2006/2114(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Hartmut Nassauer

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

1. Jirrikonoxxi l-isforzi magħmula mill-Bulgarija biex tadatta l-leġiżlazzjoni u l-amministrazzjoni tagħha għal-liġijiet u r-regoli ta' l-Unjoni Ewropea b'mod ġenerali, u b'mod iktar partikolari minn meta l-Kummissjoni ħarġet ir-rapport preċedenti tagħha f'Mejju 2006;

2. Jenfasizza l-fatt li l-progress magħmul sa issa fir-rigward tar-riforma tas-sistema tal-ġustizzja kien limitat u jistieden lill-Bulgarija biex tagħmel iktar titjib fir-rigward ta' l-emendi neċessarji għall-Kostituzzjoni, ta' l-abilità tal-Kunsill Suprem tal-Ġustizzja li jaġixxi b'mod kredibbli u effiċjenti, ta' l-implimentazzjoni tal-kodiċi l-ġdid tal-proċedura kriminali, tal-kredibilità tal-fażi ta' qabel il-proċess fil-qorti u ta' l-adozzjoni tal-kodiċi l-ġdid tal-proċedura ċivili;

3. Huwa mħasseb ħafna dwar il-fatt li għalkemm ġew introdotti miżuri u istituzzjonijiet sabiex jiġu miġġielda l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni, huma ma wasslux għal riżultati sodisfaċenti bil-konsegwenza li l-amministrazzjoni pubblika, il-gvernijiet lokali u l-entitajiet tal-ġbir tat-taxxa qed jibqgħu vulnerabbli ħafna; għalhekk jisħaq b'qawwa li l-Bulgarija trid tintensifika l-isforzi tagħha biex ittejjeb u timplimenta l-istrateġija tagħha fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni f'livell għoli u l-kriminalità organizzata;

4. Jisħaq li minkejja l-fatt pożittiv li l-leġiżlazzjoni tal-Bulgarija fil-qasam tal-ħasil tal-flus issa hija fil-biċċa l-kbira konformi ma' l-*acquis*, għad hemm nuqqas sostanzjali fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u għalhekk f'riżultati li jidhru; jistieden lill-Bulgarija biex tegħleb din is-sitwazzjoni mhux sodisfaċenti;

5. Jirrikonoxxi li fir-rigward tad-dimensjoni esterna tal-kapitolu tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, sar progress rigward il-kenn politiku u l-koperazzjoni ġudizzjarja; iżda, fir-rigward tal-preparazzjonijiet għall-applikazzjoni ta' l-*acquis* ta' Schengen u l-immaniġġjar tal-fruntiera esterna ta' l-UE fil-futur, iridu jiġu enfasizzati ħafna nuqqasijiet, u għalhekk it-traffikar tal-bnedmin u l-kuntrabandu tad-droga jibqgħu problemi sinifikanti;

6. Jenfasizza li l-implimentazzjoni ta' riformi tibqa' problema ġenerali minħabba nuqqas ta' strutturi effiċjenti, għarfien suffiċjenti u taħriġ effiċjenti ta' l-entitajiet involuti; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Bulgari biex juru determinazzjoni reali f'li jtejbu din is-sitwazzjoni u b'hekk jevitaw ir-riskju li l-għajnuna finanzjarja ta' l-UE tkun vittma ta' korruzzjoni wara l-adeżjoni;

7. Jilqa' u jappoġġja l-miżuri ta' akkumpanjament provduti mill-Kummissjoni, bħall-mekkaniżmu propost għal koperazzjoni u verifika tal-progress neċessarju wara l-adeżjoni u l-ħolqien ta' punti ta' referenza speċifiċi li jridu jintlaħqu; jikkunsidra li kwalunkwe tip ta' punt ta' referenza li għandu jiġi definit mill-Kummissjoni fir-rigward ta' dawn il-

politiki għandu jkun pubbliku u għandu jirrifletti s-sitwazzjoni medja li teżisti fl-Istati Membri l-oħra ta' l-UE bħala referenza objettiva u bħala objettiv li kulma jmur irid ikun implimentat;

8. Jilqa' l-klawsola ta' salvagwardja fl-Artikolu 38 tat-Trattat ta' Adeżjoni partikolarment relatata mar-rikonoxximent reċiproku fil-qasam tal-liġi kriminali skond it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fi kwistjonijiet ċivili skond it-Titolu IV tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex ma żżommx lura milli tagħmel użu rigoruż mill-klawsola ta' salvagwardja jekk il-miżuri ta' akkumpanjament ma jwasslux għal riżultati sodisfaċenti jew jekk ikun hemm nuqqasijiet serji jew kwalunkwe riskju imminenti ta' tali nuqqasijiet fit-traspożizzjoni, fl-implimentazzjoni jew fl-applikazzjoni tar-regoli ta' l-UE, sakemm is-sitwazzjoni tkun irrimedjata;

9. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinvolvi lill-Parlament u lill-kumitati rilevanti tiegħu b'mod sħiħ fi kwalunkwe konsiderazzjoni li tkun applikata din il-klawsola ta' salvagwardja, kif il-President tal-Kummissjoni qabel li jonvolvi lill-Parlament fil-każ ta' l-applikazzjoni tal-klawsola ta' salvagwardja fl-Artikolu 39 tat-Trattat ta' Adeżjoni dwar il-posponiment ta' l-adeżjoni għall-2008.